**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru: 195/2019 MLF**

**Nicholas Pace**

**vs**

**Portelli & Brincat Limited**
**Joseph Portelli**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab biex il-konvenuti jhallsuh s-somma kumplessiva ta' hdax-il elf u sitt mitt Euro (€11,600), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) depozitu li kien hallas l-attur akkont t'appalt li kien inghata minnu lill-konvenuti jew minn minnhom (Dok.B – anness mar-rikors promotur), is-somma ta' erbgha mitt Ewro (€400) bhala parti mid-danni li sofra l-attur minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti jew min minnhom, u in kwantu ghas-somma ta' tlett elef u mitejn Euro (€3,200) bhala bilanc tad-danni li sofra l-istess attur minhabba tali inadempjenza, kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2019 (Dok.C – anness mar-rikors promotur) u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie ipprezentat

kontestwalment mal-avviz promotur, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Gunju 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Rat ir-risposta ta' Joseph Portelli fil-kwalita tieghu personali kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta Portelli & Brincat Limited fejn eccepixxa:

   1. illi preliminarjament il-konvenut Portelli mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni

   2. illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub mhux dovut.

3. Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

**Il-Fatti**

4. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri mhux kontestati bejn il-partijiet u jistghu jigu sintezzati hekk:

   i. Fit-30 ta' Novembru 2018, l-attur ta appalt lis-socjeta konvenuta, konsistenti fil-fornitura u l-istallar ta' numru ta' aperturi tal-PVC tad-ditta Finestre Nurith gewwa dar li l-attur kellu f'Tas-Sliema. Il-prezz ta' dan l-appalt kien ta' sittax-il elf u hames mitt Euro (€16,500), li minnhom l-attur hallas tmint elef Euro (€8000).

   ii. Is-socjeta konvenuta naqset li tistalla dawn l-aperturi sal-21 ta' Gunju 2019 kif obbligat ruhha li taghmel.

   iii. Ghaldaqstant, b'ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2019, l-attur ittermina l-appalt u interpella lis-socjeta intimata sabiex tirrifondilu l-ammont imhallas bhala depozitu, flimkien mal-imghax u d-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inadempjenza taghha.

iv. Fl-4 ta' Lulju 2019, l-attur inkariga appaltatur iehor biex jaghmel l-istess xogholijiet.

v. Ghalkemm is-socjeta konvenuta irrikonoxxiet li kellha tirrifondi d-depozitu lill-attur, fid-29 t'Awwissu 2019 il-konvenut Joseph Portelli, li hu direttur u azzjonist tas-socjeta konvenuta, ta lill-attur cekk tieghu personali fl-ammont ta' tmint elef u erba' mitt Euro (€8,400) sabiex ikopri d-dejn dovut mis-socjeta konvenuta. Dan l-ammont kien ikopri kwantu ghal €8000, id-depozitu li sar mill-attur, u inkwantu ghal €400, rifuzjoni ta' danni sofferti mill-attur, kawza tal-inadempjenza tas-socjeta konvenuta.

vi. Pero dan ic-cekk tal-konvenut Joseph Portelli ma giex onorat mill-bank, u konsegwentement l-attur intavola dawn il-proceduri.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. F'dawn il-proceduri, l-attur qieghed jitlob is-somma ta' tmint elef Euro (€8000) rapprezenanti r-rifuzjoni tad-depozitu u s-somma ta' tlett elef u sitt mitt Euro (€3,600) rapprezentanti d-danni minnu sofferti konsegwenza tal-fatt li minhabba inadempjenza tas-socjeta konvenuta hu ma setghax imur jghix fid-dar fejn kellhom jigu istallati dawn l-aperaturi u jikri l-appartament fejn kien qed jabita dak iz-zmien.

6. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut Joseph Portelli ammetta li l-ammont ta' €8400 li hu kien indika fic-cekk mahrug minnu, hu dovut lill-attur bhala rifuzjoni tad-depozitu u danni. Fil-fatt huwa jghid espressament hekk *"U ghadni nammetti illi rrid ntihomlu lura. Jigifieri tieghu dawk."*[1]

7. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tistax tara kif l-eccezzjoni tal-konvenut Joseph Portelli li hu mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri tista' tigi milqugha. Ghalkemm m'hemmx dubbju li d-dejn ta' €8400 kien originarjament dovut mis-socjeta konvenuta, mill-provi jirrizulta ampjament li Joseph Portelli assuma r-responsabbilita ta' dan id-dejn meta hareg ic-cekk favur l-attur. Meta hu hareg dan ic-cekk, hu intrabat

[1] Ara fol. 73 tal-process.

personalment vis-a-vis l-attur, li seta' allura jfittxu personalment jekk huwa jonqos mill-obbligazzjonijiet tieghu.[2] *Di piu*, il-konvenut Portella rega' assuma r-responabbilita personali ta' dan l-ammont waqt ix-xhieda tieghu. Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Portelli se tigi michuda.

8. Ix-xhieda ta' Nicholas Pace ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-provi, u din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Nicholas Pace, u tad-dokumenti ezebiti.

9. Kif diga inghad, il-konvenuti mhux qed jikkontestaw li l-ammont ta' €8400 huwa dovut. Ghalhekk dak li jifdal li jigi deciz huwa, l-pretensjoni tal-attur ghall-ammont bilancjali ta' €3,200.

10. L-attur jghid li l-ammont totali ta' €3,600 minnu mitlub jirraprezentaw d-danni li hu sofra talli ma setghax imur jghix fil-fond li fih kellhom jigu istallati l-aperturi, u allura ma setghax jikri l-fond li fih kien qed jghix dak iz-zmien. Fix-xhieda tieghu hu spjega li eventwalment l-appaltatur terz istalla dawn l-aperturi ghal habta ta' nofs Ottubru 2019, u allura hu jikkalkula li tilef circa tlett (3) xhur kera. Eventwalment hu kera l-fond permezz ta' skrittura tal-14 t'Awwissu 2019, ghal kera ta' elf mitejn u hamsa u ghoxrin Euro (€1,250) fix-xahar.

11. Din ix-xhieda ta' l-attur u d-dokumenti minnu ezebiti ma giet bl-ebda mod kontestata mill-konvenuti, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita l-veracita taghha.

12. Apparti li jirrizulta mill-atti li l-fond in kwistjoni inkera bir-rata ta' €1,250 fix-xahar, il-Qorti tqis li din kienet rata ragonevoli ta' kera ghal appartament f'Tas-Sliema fis-snin 2019 u 2020. Jekk wiehed jiddividi l-ammont li l-attur qed jippretendi bhala danni ghaliex ma setghax jikri l-fond ghal tlett (3) xhur – u cioe l-ammont €3600 – bi tlieta, jigi li l-attur qed jitlob l-ammont ta' elf u mitejn Euro (€1,200) fix-xahar bhala kera – hamsin Euro (€50) inqas mill-ammont ta' kera li biha effettivament inkera l-fond. Ghaldaqstant, il-Qorti se tilqa' t-talba tal-attur ghall-hlas ta' €3,600 bhala danni.

[2] Ara b'analogija s-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Mark Gaffarena** deċiża fit-29 ta' Novembru 2008 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (*per* Imhallef Philip Sciberras).

13. Pero mill-provi jirrizulta li l-konvenut Joseph Portelli obbliga ruhu li jhallas €400 biss bhala danni, apparti d-depozitu. Hu appena necessarju jinghad li s-socjeta konvenuta ghandha personalita distinta minn dik tad-diretturi u l-azzjonisti taghha. Id-danni gew kagunati mis-socjeta konvenuta, konsegwenza tal-inadempjenza taghha. Ghalhekk hija s-socjeta konvenuta li hija responsabbli ghal dawn id-danni. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tobbliga lill-konvenut Portelli ihallas ammont f'danni iktar minn dak li hu volontarjament obbliga ruhu li jhallas.

14. Ovvjament, il-posizzjoni ta' din il-Qorti kienet tkun differenti kieku mill-atti irrizulta li s-socjeta konvenuta kienet qed tiggestixxi n-negozju taghha b'mod frawdolenti, jew li l-konvenut Portelli kien qed jinheba wara il-*corporate veil* tas-socjeta konvenuta ghal ghanijiet frawdolenti jew mhux xierqa.[3] Pero dan ma irrizultax mill-provi migbura.

15. Fl-ahharnett, il-Qorti tirrileva li l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' imghax mill-25 ta' Gunju 2019, id-data li fiha giet ipprezentata l-ittra ufficjali. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li din l-ittra ufficjali giet ipprezentata biss fil-konfront tas-socjeta konvenuta, u ma gietx ipprezentata fil-konfront tal-konvenut Joseph Portelli. Fit-tieni lok, skond il-ligi l-imghax ma jiddekorrix mid-data tal-prezentata tal-att gudizzjarju, imma mid-data tan-notifika tieghu lill-intimat. Mill-kopja tal-ittra ufficjali ezebita in atti, ma tirrizultax id-data meta s-socjeta konvenuta giet notifikata b'din l-ittra ufficjali. Konsegwentement, fil-kaz odjern, il-Qorti ser tikkonsidra d-data tan-notifika ta' dawn il-proceduri liz-zewg konvenuti, bhala d-data minn meta l-imghax ghandu jiddekorri.

**Konkluzjoni**

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Portelli;

    2. Tichad limitatament it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement tilqa' limitatament t-talba tal-attur fis-sens li tikkundanna liz-zewg konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' tmint elef u erba mitt Euro (€8400), bl-imghax mit-18 ta'

---

[3] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Mark Gaffarena** deċiża fit-29 ta' Novembru 2008 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (*per* Imhallef Philip Sciberras).

Dicembru 2019 – id-data tan-notifika ta' dawn il-proceduri lill-konvenut Joseph Portelli, li gie notifikat l-ahhar - sad-data tal-hlas effettiv.

3. Tikkundanna ulterjorment lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u mitejn Euro (€3,200), bl-imghax mit-3 t'Ottubru 2019 – id-data tan-notifika ta' dawn il-proceduri lis-socjeta konvenuta – sad-data tal-pagament effettiv.

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2019 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie ipprezentat kontestwalment mal-avviz promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**